

31993L0034

L 188/38

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

29.7.1993

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/34/KEE****ta' l-14 ta' Ġunju 1993****dwar markar statutorju għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 a tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(2)</sup>,

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew <sup>(3)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(4)</sup>,

Billi s-suq intern jinkludi żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa żgurat; billi għandhom ikunu adottati miżuri meħtieġa għal dak l-iskop;

Billi, fir-rigward tal-markar statutorju tagħhom, f'kull Stat Membru vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta għandhom jkollhom karatteristiċi tekniċi stabbiliti minn dispożizzjonijiet obbligatorji li huma differenti minn Stat Membru għal ieħor; billi bħala riżultat ta' dawn id-differenzi, dawn id-dispożizzjonijiet jikkostitwixxu barriera għall-kummerċ fil-Komunità;

Billi dawn l-ostakli għat-twaqqif u l-operar tas-suq intern jistgħu jitneħħew jekk l-istess ħtiġiet ikunu adottati mill-Istati Membri kollha minflok ir-regoli nazzjonali tagħhom;

Billi huwa meħtieġ li jtfasslu ħtiġiet armonizzati dwar il-markar statutorju għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta biex jagħmluha possibbli li l-proċeduri ta' approvazzjoni tat-tip u approvazzjoni tat-tip tal-komponent stabbiliti fid-Direttiva 92/61/KEE jkunu applikati għal kull tip ta' dawn il-vetturi;

Billi, meta titqies l-iskala u l-impatt ta' l-azzjoni proposta fis-settur inkwistjoni, il-miżuri tal-Komunità koperti b'din id-Direttiva huma meħtieġa, tassew essenzjali, biex jinkiseb l-għan maħsub, li huwa li tkun stabbilita approvazzjoni tat-tip ta' vettura tal-Komunità; billi dak il-għan ma jistax jintlaħaq b'mod xieraq mill-Istati Membri individwalment;

Billi, fir-rigward ta' markar statutorju applikabbli għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta, din id-Direttiva ma żżommx lil ċerti Stati Membri milli jżommu, fuq bażi mhux diskriminatorja, dispożizzjonijiet speċifiċi mandatarji bil-għan li japplikaw regolamenti tat-traffiku, kemm-il darba dawn il-ħtiġiet speċifiċi jikkonċernaw l-użu ta' dawn il-vetturi u ma jinvolvux xi modifikazzjonijiet fil-konstruzzjoni tagħhom li x'aktarx joħlqu ostaklu għall-approvazzjoni tat-tip tal-Komunità ta' din it-tip ta' vettura,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Din id-Direttiva tapplika għall-markar statutorju għal kull tip ta' vettura kif definita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/61/KEE.

*L-Artikolu 2*

Il-proċedura għall-għoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponent dwar markar statutorju għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta u l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-moviment liberu ta' dawn il-vetturi għandhom ikunu stabbiliti fil-Kapitoli II u III tad-Direttiva 92/61/KEE.

*L-Artikolu 3*

Kull emenda meħtieġa biex ikunu adatti l-ħtiġiet ta' l-Annessi għal progress tekniku għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE <sup>(5)</sup>.

*L-Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipublikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-14 ta' Diċembru 1994. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

<sup>(1)</sup> ĠU L 225, ta' l-10.8.1992, p. 72.

<sup>(2)</sup> ĠU C 293, tad-9.11.1992, p. 43.

<sup>(3)</sup> ĠU C 337, tal-21.12.1992, p. 103 u ĠU C 176, tat-28.6.1993.

<sup>(4)</sup> ĠU C 73, tal-15.3.1993, p. 22.

<sup>(5)</sup> ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/53/KEE (ĠU L 225, ta' l-10.8.1992, p. 1).

Mid-data msemmija fl-ewwel sotto-paragrafu l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet marbuta ma' markar statutorju, jipprojbixxu d-dħul inizjali fis-sevizz ta' vetturi li huma konformi ma' din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-ewwel sotto-paragrafu mill-14 ta' Ġunju 1995.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-kamp regolat b'din id-Direttiva.

*L-Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Ġunju 1993.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. TRØJBORG

## L-ANNEX

**ĦTIĠIET DWAR IL-MARKAR STATUTORJU GĦAL VETTURI BIL-MUTUR B'ŻEWĠ ROTI JEW TLIETA**

1. ĠENERALI
  - 1.1. Il-vetturi kollha għandhom jirċievu pjanċa u markar kif deskritt hawn taħt. Dik il-pjanċa u dak l-immarkar għandhom ikunu mwaħħla mill-manufattur jew rappreżentant awtorizzat tiegħu.
2. PJANĊA TAD-DATA TAL-MANUFATTUR
  - 2.1. Pjanċa tad-data tal-manufattur, li mudell tagħha jidher fl-Appendiċi 1 trid tkun imwaħħla sewwa, f'punt faċilment aċċessibbli, ma' parti li normalment aktarx ma tinbidilx waqt l-użu; trid tkun tinqara faċilment u jkun fiha l-informazzjoni li ġejja f'forma li ma titħassarx, fl-ordni li ġejja:
    - 2.1.1. isem il-manufattur;
    - 2.1.2. marka ta' approvazzjoni tat-tip kif deskritta fl-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE tat-30 ta' Ġunju 1992 fuq l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti;
    - 2.1.3. in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN);
    - 2.1.4. il-livell ta' ħoss statiku: ... dB(A) waqt ... rev/min.
  - 2.2. Il-marka ta' approvazzjoni tat-tip kif meħtieġa bit-taqsim 2.1.2., il-valur tal-livell tal-ħoss statiku u n-numru ta' rev/minuta kif meħtieġa mit-taqsim 2.1.4. mhumiex inklużi fil-approvazzjoni tat-tip tal-komponent ta' markar statutorju. Madankollu, daww il-biċċiet ta' informazzjoni jridu jkunu mwaħħla mal-vetturi kollha manufatturati b'mod konformi mat-tip li ġie approvat.
  - 2.3. Il-manufatturi jistgħu jwaħħlu informazzjoni addizzjonali taħt jew maġemb il-markar statutorju, 'l barra minn rettangolu mmarkat b'mod ċar li jkun fih biss l-informazzjoni meħtieġa mit-taqsimiet 2.1.1 sa 2.1.4. (ara Appendiċi 1).
3. NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI TAL-VETTURA
 

In-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura jikkonsisti minn kombinazzjoni strutturata ta' karattri mogħtija lil kull vettura mill-manufattur tagħhom. L-iskop tiegħu huwa li jagħmilha possibbli li kull vettura tkun identifikata mingħajr ambigwiżità permezz tal-manufattur tagħha – mingħajr il-ħtieġa ta' xi informazzjoni oħra – għal perjodu ta' 30 sena. L-identifikazzjoni trid tilħaq dawn il-ħtiġijiet:

  - 3.1. in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura jrid jidħol fil-pjanċa tad-data tal-manufattur. Irid ukoll ikun martellat jew ippanċjat b'tali mod li jkun evitat li jitħassar jew jinbidel fuq ix-chassis jew frame f'punt li jista' jkun faċilment aċċessibbli, u jrid ikun fuq in-nofs tal-lemin tal-vettura;
    - 3.1.1. in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għandu jkun fi tliet partijiet kif muri hawn taħt:
      - 3.1.1.1. l-ewwel parti tikkonsisti f'kodiċi mogħti lill-manufattur tal-vettura li jagħmilha possibbli li dik il-persuna tkun identifikata. Il-kodiċi għandu jikkonsisti fi tliet karattri (ittri jew ċifri) maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż li fih il-manufattur għandu l-indirizz reġistrat tiegħu bi qbil mal-prattika ta' l-aġenzija internazzjonali li taġixxi fuq l-awtorizzazzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għal Standardization (ISO) L-ewwel karattru jimmarka ż-żona ġeografika, it-tieni l-pajjiż ġewwa żona ġeografika u t-tielet karattru l-manufattur partikolari. Fejn il-manufattur jipproduċi anqas minn 500 vettura fis-sena, it-tielet karattru jkun dejjem 9. Biex ikun identifikat dak il-manufattur, l-awtorità msemmija hawn fuq għandha toħroġ ukoll it-tielet, ir-raba' u l-ħames karattru tat-tielet parti;

- 3.1.1.2. it-tieni parti tikkonsisti minn sitt karattri (ittri jew ċifri) biex ikunu deskritti l-karatteristiċi ġenerali tal-vettura (tip, varjant u verżjoni); kull karatteristika tista' tkun rappreżentata minn żewġ karattri. Jekk il-manufattur tagħha ma jużax waħda jew aktar minn dawk il-karattri, l-ispażji mhux użati jridu jimtlew b'karattri alfabetiċi jew numeriċi, l-għażla titħalla f'idejn il-manufattur;
- 3.1.1.3. it-tielet parti tikkonsisti minn tmien karattri, l-aħħar erbgħa minnhom huma meħtieġa li jkunu numerali u, flimkien maż-żewġ partijiet l-oħra, iridu jagħmluha possibbli li vettura partikolari tkun identifikata b'mod ċar. Kull pożizzjoni mhux użata għandha timtela b'0 biex ikun ottenut in-numru totali ta' karattri meħtieġa.
- 3.1.2. in-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura jrid, kull fejn possibbli, jieħu linja waħda. Bħala eċċezzjoni u għal raġunijiet tekniċi, huwa jista' wkoll jieħu żewġ linji. Madankollu, f'dan il-każ ma jridx ikun hemm spażji bejn xi waħda mit-tliet partijiet;
- il-bidu u l-aħħar ta' kull linja jrid ikun immarkat b'simbolu li la jkun numru Għarbi u l-anqas ittra Latina kbira, l-anqas ma jrid ikun possibbli li wieħed iħawwad dan ma' xi karattru ieħor. Tista' tingħata eżenzjoni jekk in-numru jidħol f'linja waħda fuq il-pjanċa tad-data tal-manufattur. L-introduzzjoni tas-simbolu msemmi f'linja bejn it-tliet partijiet (taqsima 3.1.1) hija wkoll awtorizzata;

Ma jridx ikun hemm spażji bejn il-karattri.

#### 4. KARATTRI

- 4.1. Ittri Latini u numri Għarab iridu jintużaw għall-markar li hemm provdut fit-taqsimiet 2 u 3. Madankollu, l-ittri Latini użati għall-informazzjoni mogħtija fit-taqsimiet 2.1.1, 2.1.3 u 3 jridu jkunu ittri kbar.
- 4.2. Fin-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura:
- 4.2.1. l-ittri I, O u Q, jew singijiet, asteriski jew sinjali oħra speċifiċi huma proġbiti;
- 4.2.2. ittri u ċifri għandu jkollhom l-għoli minimu li ġej:
- 4.2.2.1. 4 mm fil-każ ta' karattri li ddaħlu b'mod dirett fuq ix-chassis jew *frame* jew xi struttura oħra simili tal-vettura;
- 4.2.2.2. 3 mm fil-każ ta' karattri mdaħħla fuq il-pjanċa tad-data tal-manufattur.

## L-Appendiċi 1

**Eżempju ta' pjanċa tad-data tal-manufattur**

L-eżempju ta' hawn taħt bl-ebda mod ma jaffettwa l-informazzjoni fil-fatt mogħtija fuq il-pjanċi tad-data tal-manufattur, l-anqas id-dimensjonijiet tal-pjanċa nnifisha, iċ-ċifri jew l-ittri. Hija mogħtija biss bħala eżempju.

It-tagħrif addizzjonali msemmi fit-taqsim 2.3 jista' jiddaħħal hawn taħt jew fuq ġenb wieħed tat-tagħrif mitlub fir-ret-tangolu li ġej.

FABBRICA MUTURI STELLA
e3 5364
3 G S K L M 3 A C 8 B 1 2 0 0 0 0
80 dB (A) – 3 750 t/m

*Skrizzjon:*

Fl-eżempju ta' hawn fuq ta' pjanċa, il-vettura konċernata ġiet magħmula mill-“Fabbrica Motoċikli Stella” u *type-approved* fl-Italja (e3), taħt in-numru 5364.

Il-numru ta' identifikazzjoni (3GSKLM3AC8B120000) jagħti l-informazzjoni li ġejja:

- l-ewwel parti (3GS):
  - 3: żona ġeografika (Ewropa);
  - G: pajjiż fiż-żona ġeografika (Ġermanja);
  - S: manufattur (Fabbrica Motoċikli Stella);
- it-tieni parti (KLM3AC):
  - KL: tip ta' vettura;
  - M3: varjant (il-*bodywork* tal-vettura);
  - AC: verżjoni (magna tal-vettura);
- it-tielet parti (8B120000):
  - 8B12: identifikazzjoni tal-vettura u għaqda taż-żewġ partijiet l-oħra tan-numru ta' identifikazzjoni;
  - 0000: pożizzjonijiet mhux użati li ġew mimlija b'0 biex ikun magħmul in-numru totali ta' karattri meħtieġa.

Il-livell ta' ħoss statiku huwa ta' 80 dB(A) bi 3 750 dawra/min.

\_\_\_\_\_

## L-Appendiċi 2

**Dokument ta' informazzjoni dwar markar statutorju għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta**

(biex titwaħħal ma' l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-komponent meta din tintbagħat separatament mill-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura)

Nru ta' l-ordni (mogħti mill-applikant): .....

L-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-komponent dwar markar statutorju għal tip ta' vettura bir-roti b'żewġ jew tliet roti għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II tad-Direttiva 92/61/KEE il-Parti A, taqsimiet:

- 0.1
- 0.2
- 0.4 sa 0.6
- 9.3.1 sa 9.3.3.

## L-Appendiċi 3

Isem ta' l-amministrazzjoni

**Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponent dwar markar statutorju għal tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew tlieta**

## MUDELL

Nru tar-rapport ..... mis-servizz tekniku ..... data .....

Nru ta' approvazzjoni tat-tip tal-komponent: ..... Nru ta' estensjoni: .....

1. Marka tad-ditta jew isem tal-vettura: .....
2. Tip ta' vettura: .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manufattur: .....
4. Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manufattur (jekk hemm): .....
5. Data meta l-vettura tmur għat-test: .....
6. Approvazzjoni tat-tip tal-komponent mogħtija/miċħuda <sup>(1)</sup>: .....
7. Post: .....
8. Data: .....
9. Firma: .....

<sup>(1)</sup> Ħassar kif xieraq.